A.L. 78 ta' l-1999

ATT DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI) (KAP. 225)

Ordni ta' l-1999 dwar l-Għasel (Ordni Nru. M 40 ta' l-1999)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 3 ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards* għamlet dan l-Ordni li ġej:-

Isem u dħul fis-seħħ.

1.1 Dan l-Ordni jista' jissejjaħ Ordni ta' l-1999 dwar l-Għasel, u jista' jissejjaħ Ordni Nru. M 40 ta' l-1999.

1.2 Dan l-Ordni jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 1999, liema data tkun notifikata mill-Awtorità fil-Gazzetta.

Tifsir.

2.1 Għall-iskopijiet ta' dan l-Ordni Mandatorju, "għasel" tfisser l-oġġett ta' l-ikel prodott min-naħla min-nektar taż-żahar u taqtir li jnixxi minn partijiet ħajjin ta' pjanti jew li jkun fuqhom, u li n-naħal jiġbru, ibiddlu, jgħaqqdu ma sustanzi speċifiċi tagħhom infushom u jaħżnu jew iħallu jimmaturaw fix-xehdiet. Dan l-oġġett ta' l-ikel jista' jkun fluwidu, viskuż jew kristallizzat.

2.2 Ix-xorta ewlenin ta' l-għasel huma dawn il-ġejjin:

2.2.1 **skond l-oriġni**

għasel taż-żahar tal-fjura:

għasel li jittieħed l-aktar min-nektar taż-żahar;

għasel li terħi pjanta jew fjura mill-weraq jew miz-zokk:

għasel li jittieħed l-aktar minn taqtir li jnixxi minn partijiet ħajjin ta' pjanti jew li jkun fuqhom; lewnu jvarja minn kannella ċar jew ħadrani għal kważi iswed;

2.2.2 **skond il-mod ta' preżentazzjoni**

għasel fix-xehda:

għasel maħżun min-naħal fiċ-ċelluli ta' xehdiet mhux użati għad-duqqajs mibnijin ġodda u mibjugħ f'xehdiet sħaħ issiġillati jew f'sezzjonijiet ta' dawn ix-xehdiet;

għasel li jikkonsisti f'biċċa xehda bl-għasel b'kollox mgħarrqa fl-għasel:

għasel li jkun fih biċċa għasel fix-xehda jew aktar;

għasel bla trab tal-fjur jew li tnixxef aktar milli missu:

għasel meħud bit-tisfija ta' xehdiet mingħajr duqqajs wara li jitneħħa l-għatu;

għasel meħud mix-xehda bi żmiratur:

għasel meħud bi żmiratur wara li jitneħħielu s-siġill minn xehdiet mhux użati għad-duqqajs;

għasel fix-xehda mgħoddi minn pressa:

għasel meħud bl-ippressar ta' xehdiet mhux użati għad-duqqajs bl-applikazzjoni ta' sħana moderata jew mingħajrha;

għasel li beda jiffermenta jew kompożizzjoni ta' ħlewwa li minnha jinħoloq materjal għal użu industrijali:

għasel li, għalkemm tajjeb għall-konsum mill-bniedem, għandu togħma jew riħa barranija, beda jiffermenta, hu effervexxenti, jew issaħħan, u li beda jiqras jew għandu kontenut ta' *hydroxymethylfurfural* li ma jikkonformax ma' l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni.

Applikabilità.

3.1 Dan l-Ordni Mandatorju ma japplikax għal prodotti maħsubin biss għall-esportazzjoni.

3.2 L-isem mogħti jew riservat minn dan l-Ordni Mandatorju ma jistax jintuża fit-twaħħil ta' tikketti jew reklamar ta' xi ikel bħala

l-isem ta' dak l-ikel, kemm jekk ikun kwalifikat minn kliem ieħor kemm jekk le, sakemm l-ikel m'hux l-ikel li għalih kien preskritt jew ġie riservat l-isem.

3.3 Isem mogħti jew riservat minn dan l-Ordni Mandatorju ma jistax jintuża fit-tikkettjar jew reklamar ta' xi ikel, kemm jekk ikun kwalifikat minn kliem ieħor kemm jekk le, biex jissuġerixxi sew espressament sew impliċitament li l-ikel imsemmi hu użat bħala ingredjent, sakemm l-ikel li ismu jintuża fit-tikkettjar jew reklamar tiegħu ma jkunx fih bħala ingredjent l-ikel li għalih kien preskritt jew ġie riservat l-isem.

3.4 Ebda persuna ma tista' tbigħ jew tirreklama għall-bejgħ xi ikel li t-tikketta tiegħu tikser ir-regolamenti 3.2 jew 3.3.

Bejgħ ta' għasel.

4.1 Ebda persuna ma tista' tbigħ, toffri għall-bejgħ jew tqassam għasel jekk dan ma jikkonformax mat-tifsiriet u mar-regoli stipulati f'dan l-Ordni Mandatorju u fl-Iskeda li tinsab miegħu.

4.2 Il-kelma "għasel" għandha tkun applikata biss għall-prodott definit f'paragrafu 2.1 u għandu jintuża biss kummerċjalment biex jindika dak il-prodott bla preġudizzju għal xi provvedimenti oħra.

4.3 L-ismijiet li hemm referenza għalihom f'paragrafu 2.2 għandhom ikunu applikati biss għal prodotti hemm imfissra.

4.4 Ebda prodott ieħor barra l-għasel ma jista' jiżdied ma' għasel offrut għall-bejgħ bħala tali.

4.5 Meta l-għasel jinbiegħ, dan għandu jikkonforma mal-kriterji ta' kompożizzjoni elenkati fl-Iskeda, b'dan illi dawn il-kriterji ta' kompożizzjoni m'għandhomx ikunu japplikaw għal xi parti mill-għasel tax-xehda jew għasel li jikkonsisti f'biċċa xehda bl-għasel b'kollox mgħarrqa fl-għasel li tkun tikkonsisti f'xi xehda jew f'xi parti kostitwenti tagħha.

4.6 B'żjieda ma' dan:

4.6.1 l-għasel għandu jkun, safejn prattikabbli, ħieles minn materji organiċi jew inorganiċi li ma jaqblux mal-kompożizzjoni tiegħu, bħalma huma moffa, insetti, frak ta' insetti, duqqajs jew frak tar-ramel, meta l-għasel jinbiegħ bħala tali jew jintuża f'xi prodott għall-konsum mill-bniedem;

4.6.2 l-għasel m'għandux:

- (i) ikollu togħmiet jew irwejjaħ barranin ;
- (ii) ikun beda jiffermenta jew ifexfex;
- (iii) ikun issaħħan sal-punt li l-enżimi naturali tiegħu jinqerdu jew ma jibqgħux attivi;
- (iv) ikollu aċidità mibdula artifiċjalment;

4.6.3 l-għasel ma jista' taħt ebda ċirkostanza jkollu sustanzi fi kwantità li tipperikola s-saħħa tal-bniedem.

4.7 L-għasel jista' jinbiegħ bħala "għasel li beda jiffermenta" jew "kompożizzjoni ta' ħlewwa li minnha jinħoloq materjal għal użu industrijali" jekk, għalkemm tajjeb għall-konsum mill-bniedem:

- ma jikkonformax mal-ħtiġiet imsemmija fil-paragrafu 4.6.2 (i), (ii), (iii), jew
- l-attività tiegħu li jibdel il-lamtu f'zokkor jew il-kontenut ta' *hydroxymethylfurfural* tiegħu ma jikkonformawx ma' l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Iskeda.

Tikkettjar u preżentazzjoni ta' l-għasel.

5.1 L-informazzjoni li ġejja għandha tidher b'mod li jispikka, jinqara ċar u ma jitħassarx fuq il-pakketti, kontenituri jew tabelli ta' l-għasel f'wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' Malta jew bit-Taljan:

5.1.1 it-terminu "għasel" (*honey* bl-Ingliż, *miele* bit-Taljan) jew wieħed mill-ismijiet elenkati fil-paragrafu 2.2; "għasel fix-xehda" u "għasel li jikkonsisti f'biċċa xehda bl-għasel b'kollox mgħarrqa fl-għasel" għandhom, madankollu, ikunu deskritti kif inhuma; fil-każijiet li hemm referenza għalihom f'paragrafu 4.7, isem il-prodott għandu jkun "għasel li beda jiffermenta" jew "kompożizzjoni ta' ħlewwa li minnha jinħoloq materjal għal użu industrijali";

5.1.2 l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz jew uffiċċju reġistrat tal-produttur jew ta' min ippakkja jew ta' importatur stabbilit f'Malta;

5.1.3 il-piż nett fi grammi.

5.2 Il-kelma "għasel" kif imsemmija f'paragrafu 5.1.1 jew wieħed mill-ismijiet imemmija f'paragrafu 2.2 jistgħu, fost l-oħrajn, ikollhom miżjuda magħhom:

5.2.1 referenza għall-oriġni, jew żahar jew pjanta, sakemm il-prodott jiġi b'mod predominanti mill-għajn indikata u jkollu l-karatteristiċi organoleptiċi, fiżjokimiċi u mikroskopiċi adatti;

5.2.2 isem reġjonali, territorjali jew topografiku, sakemm il-prodott joriġina kollu kemm hu fiż-żona indikata. B'mod partikolari t-terminu "għasel ta' Malta" (*Maltese honey*) għandu jkun riservat għal għasel li joriġina u hu prodott kollu kemm hu f'Malta.

5.3 Meta l-ghasel jinhareġ għall-bejgħ jew jitqassam f'pakketti jew konteniturі ta' piż nett ekwivalenti għal 10 kilogrammi jew aktar u ma jinbiegħx bl-imnut, l-informazzjoni msemmija f'paragrafi 5.1.2. u 5.1.3 tista', jekk ikun hekk mixtieq, tidher biss fid-dokumenti li jkun hemm miegħu.

5.4 Jekk l-ghasel ikun qieghed f'kontenitur li jkollu diversi pakketti, it-tikketta li jkollha l-informazzjoni preskritta għandha jew titwahħal, jew titqieghed b'mod li ma tinqalax, mal-kontenitur ta' barra, jew għandha tkun tidher sew u tinqara tajjeb b'mod trasparenti minn ġol-kontenitur, jew minkejja li jkun jeżisti dak il-kontenitur.

SKEDA
Kriterji tal-Kompożizzjoni għall-Għasel

1. Kontenut ta' zokkor li jnaqqas apparenti, ikkalkulat bħala zokkor invertit

- għasel taż-żahar tal-fjura — mhux inqas minn 65%
- għasel li terħi pjanta jew fjura mill-weraq jew miz-zokk u taħlitiet ta' għasel li terħi pjanta jew fjura mill-weraq jew miz-zokk u għasel taż-żahar tal-fjura — mhux inqas minn 60%

2. Kontenut ta' ilma

- b'mod ġenerali — mhux aktar minn 21%
- għasel tax-xagħri (*Calluna*) u għasel tas-silla (*Trifolium sp.*) — mhux aktar minn 13%

3. Kontenut ta' sucrose apparenti

- b'mod ġenerali — mhux aktar minn 5%
- għasel li terħi pjanta jew fjura mill-weraq jew miz-zokk u taħlitiet ta' għasel li terħi pjanta jew fjura mill-weraq jew miz-zokk u għasel taż-żahar tal-fjura, akaċja, spika u għasel *banksia menziesii* — mhux aktar minn 10%

4. Kontenut ta' solidi li ma jinħallux fl-ilma	
■ b'mod ġenerali	mhux aktar minn 0.1%
■ għasel fix-xehda mgħoddi minn pressa	mhux aktar minn 0.5%
5. Kontenut ta' minerali (rmied)	
■ b'mod ġenerali	mhux aktar minn 0.6%
■ għasel li terħi pjanta jew fjura mill-weraq jew miz-zokk u taħlitiet ta' għasel li terħi pjanta jew fjura mill-weraq jew miz-zokk u għasel taż-żahar tal-fjura	mhux aktar minn 1%
6. Aċidità	mhux aktar minn 40 milliekwivalenti aċidu kull 1000 gramma.

7. Attività li tibdel lamtu f'zokkor u *hydroxymethylfurfural* (HMF) stabbiliti wara l-ipproċessar u t-taħlit

a) attività li tibdel lamtu f'zokkor (skala Schade)	
■ b'mod ġenerali	mhux inqas minn 8
■ tipi ta' għasel b'kontenut ta' enzimi naturali baxx (e.g. ċitru) u kontenut ta' HMF li ma jaqbiżx il-15 mg/kg	mhux inqas minn 3
b) HMF	mhux inqas minn 40mg/kg (soġġett għall-provvedimenti ta' paragrafu (a) it-tieni indenzjoni).